# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 28 ta' April 2017**

**Numru 39**

**Citazzjoni Numru 1035/01 SM**

**Strand Marine & Auto Systems Limited (C13370)**

**v.**

**The Wild Goose Company Limited (C26529) u Michael u Gillian konjugi Gialanze, dawn tal-ahhar ghal kull interess li jista' jkollhom u b'digriet tas-27 ta' Awwissu 2013 stante l-mewt ta' Michael Gialanze fil-mori tal-kawza l-gudizzju f'ismu gie trasfuz f'isem martu Rita Gillian sive Gillian Gialanze**

**Il-Qorti:**

Illi dan huwa appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fil-5 ta' Dicembru 2012 illi permezz taghha l-istess Qorti cahdet it-talbiet attrici u laqghet parzjalment il-kontro talba.

Il-Qorti imsemmija waslet ghad-decizjoni taghha b'dan il-mod;

"Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni datata t-8 ta' Gunju, 2001, li permezz taghha s-socjetajiet atturi ppremettew sintetikament is-segwenti:

"1. Illi s-socjeta` attrici Strand Marine Limited hi socjeta` kreditrici tas-socjeta` konvenuta fis-somma ta' tlieta u tmenin elf, hames mija u erba' Dollari Amerikani, (US$83,504.00);

"2. Illi l-imsemmi ammont jirrapprezenta l-prezz ta' accessorji ta' lanca mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti;

"3. Illi l-ordni ghal dawn l-accessorji saret mill-konvenuti konjugi Gialanze`;

"4. Illi ghalkemm il-konvenuti gew interpellati biex ihallsu l-ammont minnhom dovut, dawn baqghu inadempjenti;

"5. Illi d-dejn hu cert, likwidu u esigibbli;

"6. Illi peress li s-socjeta` konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet validi x'topponi ghat-talbiet attrici, jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

"i. Tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artiklu 167 et sequitur tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, (Kap 12);

"ii. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-ekwivalenti f'valuta Maltija dakinhar tal-hlas effettiv tas-somma ta' tlieta u tmenin elf, hames mija u erba' Dollari Amerikani, (US$83,504.00), dovuta kif fuq espost;

"iii. Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid involut u bl-imghaxijiet kummercjali skont il-ligi mid-data tal-konsinna tal-lanca;

Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat is-6 ta' Lulju, 2001, li permezz tieghu iddekretat li ghaliex hemm eccezzjonijiet x'jinghataw f'din il-kawza, akkordat it-terminu hemm prefiss biex il-konvenuti jipprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom, (ara fol 9);

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet konguntiva datata s-16 ta' Lulju, 2001, li permezz taghha sintetikament wiegbu s-segwenti:

“1. Illi t-talba attrici hi ntempestiva ghaliex:

“i. Il-pagament kellu jsir wara l-15 ta’ Gunju, 2001;

“ii. Kien hemm trattattivi ghaddejjin bejn il-partijiet minhabba d-diversi nuqqasijiet riskontrati;

“iii. Illi di fatti, kienu ghadhom ma nhargux ic-certifikati relattivi li juru li l-lanca kienet qieghda tahdem kif suppost u kif pattwit bejn il-partijiet;

“2. Illi kien biss wara li jigi kkonstatat li l-lanca kienet kompletament funzjonanti u li kienet tal-kwalita` pattwita, li kellu jsir il-pagament relattiv;

“3. Illi fi kwalunkwe kaz l-ispejjez kollha ta’ din il-procedura ghandhom ikunu a karigu tas-socjeta` attrici;

“4. Illi di piu`, l-ammont pretiz huwa ezagerat stante li l-valur tal-“*extras*” kif pattwit jammonta ghal tlieta u hamsin elf Dollaru Amerikan, (US$53,000.00);

“5. Illi in oltre diversi “*extras*” ma kienux funzjonanti u l-lanca ma kinitx qieghda tahdem kif suppost;

“6. Illi minhabba dak indikat fil-paragrafu ta’ qabel dan, il-konvenuti sofrew u ghadhom isofru danni;

“7. Illi kif risaput mis-socjeta` attrici, l-ammont relattiv kellu jithallas mis-socjeta` konvenuta u mhux mill-konvenuti l-ohra li ghalhekk, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

“8. Illi ghalhekk, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

“Illi di piu`, l-konvenuti pprevalew ruhhom mit-talbiet attrici u pprezentaw talbiet rikonvenzjonali li jistghu jigu sintetikament riprodotti bil-mod segwenti:

“1. Illi s-socjeta` konvenuta akkwistat lanca tal-marka “*Carver Voyager*” minghand is-socjeta` attrici flimkien ma’ diversi “*extras*” debitament mibjugha u kkonsenjati;

“2. Illi pero` fil-mument tal-konsenja l-lanca de quo kellha diversi hsarat u ma kinitx tiffunzjona kif suppost;

“3. Illi s-socjeta` attrici, wara li kienet infurmata bil-hsarat u nuqqasijiet relattivi, accettat l-ezistenza tal-istess;

“4. Illi minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha li tirreklama deprezzament, is-socjeta` konvenuta accettat li jsiru t-tiswijiet u xoghlijiet necessarji taht is-supervizjoni ta’ inginier kwalifikat;

“5. Illi rizultat ta’ dawn in-nuqqasijiet il-konvenuti sofrew u ghandhom isofru danni u nonostante li s-socjeta` attrici kienet debitament interpellata, naqset milli tonora l-obbligazzjonijiet taghha;

“6. Illi b’rizerva ta’ kull azzjoni ohra lilhom spettanti, il-konvenuti aderew lil din il-qorti biex is-socjeta` attrici tghid ghaliex din il-qorti m’ghandhiex:

“i. Tiddikjara li l-lanca “*Carver Voyager*” giet ikkonsenjata lill-konvenuti b’diversi hsarat u nuqqasijiet;

“ii. Tordna u tikkundanna lis-socjeta` attrici biex tesegweixxi x-xoghlijiet kollha necessarji ta’ tiswija u/jew rimpjazzament, jekk hemm bzonn bl-opra ta’ espert kwalifikat imqabbad mill-qorti biex il-lanca tigi kkonsidrata bhala rilaxxata fl-istat miftiehem u cioe`, f’kundizzjoni perfetta;

“iii. Tordna li in difett ta’ dan, il-konvenuti jkunu awtorizzati jezegwixxu x-xoghlijiet necessarji huma stess u dan, a spejjez u riskju ewlieni tas-socjeta` attrici u dejjem taht is-supervizjoni tal-espert nominat minn din il-qorti;

“iv Tiddikjara lis-socjeta` attrici unikament responsabbli ghad-danni konsegwenzjali li sofrew u li qed isofru l-konvenuti minhabba l-agir tas-socjeta` attrici;

“v. Tiddikjara li l-lanca sofriet deprezzament li ghalih hi responsabbli s-socjeta` attrici;

“vi. Tillikwida d-danni sofferti u li qieghdin isofru l-konvenuti, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;

“vii. Tillikwida d-deprezzament tal-lanca in dizamina;

“viii. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lill-konvenuti in linea ta’ danni u ta’ deprezzament, is-somma hekk likwidata minn din il-qorti;

“ix. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti, kif indikat fl-istess talbiet rikonvenzjonali in dizamina kontra l-istess socjeta` attrici;

"Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-azzjoni rikonvenzjonali tal-konvenuti datata l-1 t'Awwissu, 2001, li permezz taghha sintetikament eccepiet is-segwenti:

"1. Illi d-dikjarazzjoni tal-konvenuti hi nulla stante li hi kopja tal-premessi tac-citazzjoni u mhux dikjarazzjoni tal-fatti kif trid il-ligi;

"2. Illi ghalhekk, stante li d-dikjarazzjoni rikonvenzjonanti hi nulla, hekk ukoll ir-rikonvenzjoni tal-konvenuti hi nulla;

"3. Illi mhux minnu li s-socjeta` attrici bieghet lanca lill-konvenuti;

"4. Illi kienet is-socjeta` estera "*Carver Boat Corporation*" ta' Wisconcin, l-Amerika, li bieghet l-imsemmija lanca lill-konvenuti;

"5. Illi s-socjeta` attrici bieghet biss certi accessorji tal-lanca u mmuntat il-lanca – izda qatt ma bieghhitha;

"6. Illi ghalhekk l-azzjoni tal-konvenuti qatt ma tista' treggi;

"7. Illi t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;

"8. Illi l-lanca de quo tintuza u hi ntiza biex tintuza bhala "*pleasure boat*" u ghalhekk ebda danni materjali ma gew sofferti;

"9. Illi l-konvenuti rikonvenzjonanti Michael u Gillian Gialanze` proprio ma sofrew ebda danni ghaliex m'humiex proprjetarji tal-lanca u ghalhekk, din ir-rikonvenzjoni ghandha tigi respinta ghaliex il-partijiet fir-rikonvenzjoni m'humiex l-istess tal-kawza attrici;

"Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta datat it-12 ta' Jannar, 2007, li permezz tieghu ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet li jinhatar "*marine surveyor*" biex jiehu konjizzjoni tal-kontro-talba tal-konvenuti, jezamina l-lanca in dizamina u okkorrendo jezegwixxi x-xoghlijiet necessarji;

"Rat ir-risposta tas-socjeta` attrici datata t-23 ta' Jannar, 2007, li permezz taghha ghar-ragunijiet hemm esposti, issottomettiet li t-talba tas-socjeta` konvenuta ndikata fil-paragrafu precedenti ghandha tigi respinta u tordna minflok li l-konvenuti ghandhom jikkonkludu l-provi taghhom;

"Rat ir-rikors tal-konvenuti datat it-22 ta' Frar, 2007, li permezz tieghu talbu jzidu eccezzjoni ulterjuri hemm indikata stante li skoprew li effettivament is-socjeta` attrici mhix socjeta` debitament registrata;

"Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-30 ta' Marzu, 2007, li permezz tieghu laqghet it-talba ndikata fil-paragrafu precedenti tal-konvenuti;

"Rat ghalhekk ukoll l-eccezzjoni ulterjuri datata l-20 t'April, 2007, senjatament:

"1. Illi in subsidju u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet l-ohra, in vista tal-fatt li Strand Marine Limited mhix debitament kostitwita u registrata ai termini tal-ligi, l-azzjoni attrici hi nulla u minghajr effett, li t-talbiet attrici huma ghalhekk insostenibbli u ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju;

"2. Salvi kontestazzjonijiet ulterjuri;

"Rat it-talba tas-socjeta` attrici data d-19 ta' Gunju, 2007, li permezz taghha talbet korrezzjoni fl-okkju tal-kawza fis-sens li wara l-kliem "*Strand Marine*" jizdiedu l-kliem *"& Auto Systems*", (ara fol 368);

"Rat in-nota tal-konvenuti datata t-18 ta' Lulju, 2007, li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, iddikjaraw li qed jopponu t-talba attrici ghall-korrezzjoni ndikata fil-paragrafu precedenti, (ara fol 423-424);

"Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-17 t'Awwissu, 2007, li permezz tieghu laqghet it-talba attrici ghall-korrezzjoni de quo, (ara fol 426);

"Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, rispettivament datati l-4 ta' Gunju, 2012, u l-5 ta' Lulju, 2012;

"Ezaminat ix-xhieda mismugha kemm minn din il-qorti diversament preseduta kif ukoll kif issa preseduta;

"Ezaminat id-dokumenti esebiti;

"Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

"Ikkunsidrat:

"Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

"1. Illi bejn il-*managing director* tas-socjeta` attrici u l-konvenuti Gialanze` kien hemm ezistenti relazzjoni pjuttost durevoli sa mill-1995, stante li jirrizulta wkoll li l-konvenuti kienu xtraw diversi dghajjes minghandu;

“2. Illi wara li l-konjugi Gialanze` marru l-fiera tad-dghajjes ta’ Genova f’Ottubru 1999, iddecidew li jixtru d-dghajsa tal-ghamla “*Carver 530 Voyager*” li kienet ghal wiri fil-fiera msemmija;

“3. Illi l-prezz u l-kundizzjonijiet kienu miftiehma fl-istess fiera ma’ rapprezentant ta’ nazzjonalita` Germaniza ghas-socjeta` venditrici, li eventwalment gew ikkonfermati anke permezz ta’ korrispondenza;

“4. Illi aktar tard fl-istess fiera fuq imsemmija avvicinahom l-imsemmi “*managing director*” tas-socjeta` attrici, Pierre Travers, li nfurmhom li hu kien l-agent f’Malta tas-socjeta` Amerikana produttrici tad-dghajsa tal-ghamla fuq indikata u talab “*commission*” ta’ tlieta (3) fil-mija nonostante l-fatt li kien ghal kollox estraneu ghall-ftehim precedentement pattwit;

“5. Illi skont il-konvenuti Gialanze`, id-dghajsa fil-fiera kienet gia` munita bl-“*extras*” kollha li l-kompraturi riedu;

“6. Illi jidher li l-imsemmi Travers kien ukoll ghamel il-kuntatti tieghu mas-socjeta` produttrici Amerikana u sostna li n-negozju de quo kellu jinvolvieh stante li hu kien ir-rapprezentant taghhom f’Malta u b’hekk harbat in-negozju konkluz precedentement bejn il-konjugi konvenuti u r-rapprezentant tal-istess ditta fil-fiera de quo;

“7. Illi l-konjugi konvenuti jsostnu li minhabba din l-intromissjoni, kellhom jaccettaw b’riluttanza li jixtru dghajsa ekwivalenti, din id-darba tramite Travers, ghalkemm ma kienux ser jircievu l-“*extras*” bhal qabel u ghalkemm bi prezz oghla;

“8. Illi d-dghajsa de quo nxtrat mis-socjeta` Wild Goose Company Limited, li taghha l-konvenuti Gialanze` huma azzjonisti u diretturi;

“9. Illi ghalkemm il-konjugi konvenuti xtaqu li d-dghajsa tkun assemblata mill-inginiera tas-socjeta` venditrici Amerikana, Travers ipperswada lil din is-socjeta` venditrici li hu kien kapaci jaghmel dan ix-xoghol flimkien ma’ tlett (3) ihbieb tieghu li lanqas biss kienu tas-sengha;

“10. Illi eventwalment id-dghajsa tnizzlet Napli f’zewg partijiet izda rrizulta li fit-tragitt, il-“*fly-bridge*” kienet sofriet hsarat konsiderevoli;

“11. Illi di piu`, irrizulta wkoll li xejn mill-“*extras*” pattwiti ma kienu gew stallati jew jekk stallati, ma kienux jiffunzjonaw;

"12. Illi meta l-konvenuti gew infurmati bil-problemi ndikati, l-ewwel reazzjoni taghhom kienet li jirrifjutaw li jaccettaw id-dghajsa f'dan l-istat;

"13. Illi nonostante t-tentattivi ta' Travers li jirripristina l-"f*ly-bridge*", u jgibha funzjonabbli, it-tentattivi tieghu ma kienux fruttiferi;

"14. Illi l-konjugi konvenuti telghu Napli ghall-ewwel testijiet tad-dghajsa fil-bahar li izda rrizultaw fallimentari stante li d-dghajsa kienet tivvibra meta mhux suppost;

"15. Illi l-"*extras*" miftiehma li jkunu nkorporati ma kienux gew hekk inkorporati kif pattwit;

"16. Illi meta d-dghajsa tnizzlet bil-bahar min Napli ghal Malta tant zviluppat dhahen li kienet qisha qed taqbad, u kien mehtieg li titwaqqaf fl-ewwel port biex inginiera Taljani jintervjenu u jsewwu l-hsarat;

"17. Illi wara li d-dghajsa eventwalment twasslet Malta, Travers installa l-"*extras*" pattwiti izda x-xoghol f'dan ir-rigward irrizulta li kien ukoll xoghol skadenti stante li kien ukoll qed jikkaguna hsarat strutturali fl-istess dghajsa;

"18. Illi di piu`, is-sistema tal-*hydraulic* ghall-"crane" u ghall-passarella tad-dghajsa kellha wkoll tigi mibdula;

"19. Illi aktar min hekk, l-iskrejjen tad-dghajsa kellhom jigu mibdula tlett (3) darbiet qabel ma giet eliminata l-vibrazzjoni riskontrata;

"20. Illi elenku tax-xoghol karenti riskontrat jinkludi in oltre wkoll:

"1. "*toilets*" li jahdmu hazin;

"ii. L-elettriku tad-dghajsa ma kienx skont is-sengha u l-arti;

"iii. L-ispeakers tal-"*fly-bridge*" kienu ta' kwalita` skadenti;

"iv. Il-JVC "*video recorder*" qatt ma hadem u kellu eventwalment jinbidel;

"v. Il-"*portholes*" kienu jillikjaw;

"vi. Il-gwarnici tat-twieqi bdew jixxaqqu;

"1. Illi di piu`, meta d-dghajsa kienet imtella' Manoel Island biex jinbidlilha l-"*fly-bridge*" thalliet esposta ghall-elementi,

konsiderando li l-perjodu kien ix-xitwa, (Frar), u konsegwentement mal-ewwel maltempata d-dghajsa sofriet hsarat estensivi f'kull parti taghha;

"2. Illi l-konjugi konvenuti kienu lesti li jhallsu l-ammont ta' pagament rimanenti lis-socjeta` attrici kemm –il darba d-dghajsa tkun certifikata idonea wara li jsirulha l-ezamijiet appoziti u kollox ikun fl-istat li suppost ikun skont is-sengha u l-arti;

"3. Illi nonostante s-suespost, il-prezz tad-dghajsa, eskluzi l-"*extras*", kien gia` mhallas qabel ma d-dghajsa telqet mill-Istati Uniti;

"4. Illi d-dghajsa ghadha sal-lum fi stat deplorevoli b'diversi difetti fuq gia` elenkati jibqghu persistenti sal-lum, kif ikkonfermat mid-diversi esperti *ex parte* riskontrati;

"5. Illi in effetti n-negozju in dizamina finalment irrizulta f'esperjenza negattiva u dizastruza fejn il-konvenuti jhossuhom li gew derubati u rinfaccati b'xoghol skadenti maghmul minn dilettanti bla preparazzjoni;

"6. Illi s-sintesi fuq espost hu debitament ikkonfermat minn inginiera *ex parte* prodotti;

"Ikkunsidrat:

"Illi tenut kont tas-suespost ghandu jirrizulta pacifiku li l-interventi tas-socjeta` attrici fl-assemblagg tal-"*extras*" mixtrija mill-konvenuti u l-attitudini in generali riskontrata fl-esekuzzjoni tal-istess xoghlijiet ma kienux skont is-sengha u l-arti, u jippekkaw fil-professjonalita`;

"Ikkunsidrat:

"Illi jirrizulta wkoll li nonostante t-trapass ta' zmien riskontrat mid-data tal-kuntratt ta' kompra-vendita tad-dghajsa in dizamina, l-ebda certifikat nawtiku ta' idoneita` ma jirrizulta li nhareg;

"Illi in vista tal-istess l-eccezzjoni tal-intempestivita` sollevata mill-konvenuti tregi u timmerita l-avall ta' din il-qorti;

"Ikkunsidrat:

"Illi rigward il-konvenuti konjugi Gialanze` ghandu jinghad li dawn jiffiguraw biss bhala azzjonisti u diretturi tas-socjeta` konvenuta The Wild Goose Company Limited li attwalment ikkontrattat in-negozju in dizamina;

"Illi ghalhekk hi biss din is-socjeta` se mai, li ghandha *locus standi* fil-kawza odjerna u mhux il-konjugi konvenuti de quo;

"Illi konsegwentement tilqa' t-talba tal-konvenuti fir-rigward u tillibera lill-konvenuti Dr. Michael Gialanze` u martu Gillian Gialanze` mill-osservanza tal-gudizzju;

"Ikkunsidrat:

"Illi in vista tal-premess, din il-qorti tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` attrici Strand Marine & Auto Systems Limited flimkien mal-eccezzjonijiet minnha sollevati ghat-talbiet rikonvenzjonanti tal-konvenuti, u dan, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici fuq riferita;

"Illi konsegwentement takkolji t-talbiet tas-socjeta` konvenuta The Wild Goose Company Limited u konsegwentement:

"1. Tiddikjara li l-lanca "*Carver Voyager*" giet ikkonsenjata b'diversi hsarat u nuqqasijiet;

"2. Tiddikjara li s-socjeta` attrici hi unikament responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta;

"3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici biex tesegwixxi x-xoghlijiet kollha necessarji ta' tiswija u/jew rimpjazzament fi zmien tlett (3) xhur mil-lum;

"4. Tordna li in difett tas-su deciz is-socjeta` konvenuta tkun awtorizzata tezegwixxi x-xoghlijiet necessarji hi stess u dan, a spejjez tas-socjeta` attrici;

"5. Tiddikjara li l-lanca in dizamina sofriet deprezzament li ghalih hi responsabbli s-socjeta` attrici;

"6. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta inkluz id-diprezzament, ex boni viri, fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Ewro, (€25,000.00);

"7. Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra s-socjeta` attrici Strand Marine & Auto Systems Limited."

Is-socjeta` attrici ghalhekk appellat minn din is-sentenza u qed titlob ir-revoka taghha u allura li jintlaqghu t-talbiet taghha u li tigi respinta l-kontro talba; l-appellata rrispondiet billi titlob il-konferma tas-sentenza

izda ipproponiet appell incidentali fejn qed titlob awment fid-danni li tghid li sofriet.

**AGGRAVJI**

L-appellanti tibda biex tghid li ma taqbilx mal-mod kif l-ewwel Qorti irrepilogat il-fatti tal-kaz; tghid li kull ma ghamlet il-Qorti kien illi irrepetiet tista tghid kelma b'kelma dak illi iddeponiet il-konvenuta Gillian Gialanze` minghajr mal-istess Qorti qalet ghaliex emmnet lilha u lilha biss, u injorat ghal kollox il-provi l-ohra fil-kawza.

Huwa minnu li fejn jidhol apprezzament tal-provi kif qalet din il-Qorti stess fil-kawza fl-ismijiet **Phyliss Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995 "*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti f' kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti*"*.* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li "*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor*"*.*

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001); madankollu "*Din il-Qorti pero` f'kaz tapprezza wkoll li d-dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa wkoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja.* **Attard et v. Direttur tas Sahha**, Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014.

Sfortunatament jidher mill-atti li minhabba l-bdil ta' gudikanti li semghu l-provi, u l-mod kif tressqu l-provi stess wasslu biex tinholoq konfuzjoni fir-rapport guridiku bejn il-partijiet. Infatti d-dghajsa in kwistjoni ma inbieghetx mill-appellanti izda minn socjeta` estera u jidher li s-socjeta` appellanti lanqas biss kienet agenta taghha izda bieghet l-*extras* tal-istess dghajsa u wasslitha Malta minn Napli fejn sar it-trasferiment taghha. Ghalhekk minn dak il-mument li gie konkluz il-kuntratt ta' kompravendita` is-socjeta` konvenuta saret il-propjetarja u r-rapport guridiku bejn il-partijiet kien jirrigwardja t-trasport tal-boat u l-kompravendita` tal-*extras*.

Is-socjeta` attrici talbet il-hlas tas-somma ta' aktar minn $83,000 u spjegat permezz ta' dokumenti esebiti fil-fazi bikrija tal-kawza, kif waslet

ghal dan l-ammont (fol. 49 et sequitur). Dan l-ammont jinkludi wkoll xi spejjez li ghamlet biex wasslet il-boat f'Malta. Il-konvenuti kwazi mill-ewwel ilmentaw minn xi nuqqasijiet u mill-korrispondenza wkoll esebita (fol. 58 et sequitur) jirrizulta li l-Inginier Cardona, inkarigat mill-istess konvenuti, indika x'kellu jsir. Effettivament jirrizulta ukoll li l-istess Paul Cardona ikkonferma li kien kuntent bix-xoghol li sar u minhabba f'hekk il-konvenuti inkarigaw inginier iehor li irraporta dak li effettivament xtaqu huma. Ezaminat waqt il-kawza, is-sur Cardona qal li f'dan l-istadju l-konvenuti rieduh jaghmel rapport illi huwa ma hassx li kellu jaghmel fir-responsabilita` professjonali tieghu (fol. 174).

Din il-Qorti jidrilha li l-appellanti ghandha ragun tilmenta mill-mod kif l-ewwel Qorti irrespingiet it-talbiet taghha u strahet interament fuq il-verzjoni tal-konvenuta. Fl-ahhar depozizzjoni taghha fis-sena 2012 il-konvenuta stess ammettiet li l-"boat" kienu qed juzawha – "yes but not much". (fol 647) u jirrizulta wkoll illi fl-2002 sar "*sea trial*" fil-prezenza tas-sur Cardona illi ikkonferma li ma kien hemm xejn hazin. Ir-reputazzjoni tas-sur Cardona bhala espert fil-qasam m'hijiex certament in diskussjoni.

Ghalhekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li ghandha tilqa' l-appell tas-socjeta` attrici u tirritjeni li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas l-ammont mitlub. Il-konvenuti appellanti <u>personalment</u> ma jidhirx li

kellhom jitharrku ghaliex dejjem agixxew ghan-nom tas-socjeta` appellata. Kwantu ghall-eccezzjoni tal-intempestivita` din hija ormai sorvolata bil-principju ta' **jus superveniens**, u kwindi "*l-azzjoni illi qabel tkun difettuza tigi imsahha. Il-fondament ta' dan huwa precizament l-ekonomija tal-gudizzju u ta' l-ispejjez*". **(Vella v. Dr Galea – Vol XXXIII-i- 254)**. Ara ukoll fir-rigward is-sentenzi tal-Qorti tal-Appell (sede inferjuri) **Paul Azzopardi v. Maria Lourdes Sciberras** – 12-2-1996 u tal-Qorti tal-Kummerc **David Clarke nomine v. Dr Marco Griscti nomine**. Dan ghaliex fil-kaz in ezami, jekk il-pagament kien dovut effettivament ftit granet wara li giet intavolata l-kawza, illum naturalment dik id-data skadiet sew.

L-appellanti jilmentaw ukoll mill-akkoljiment tal-kontro talba, u jghidu l-ewwelnett li din kienet irrita ghaliex ma setghetx tigi istitwita fil-kuntest ta' kuntratt ta' begjh. Dwar dan, il-pozizzjoni gurisprudenzjali lokali hija dik delineata fis-sentenza fl-ismijiet **Brian Mangion v. Mario Pulis, 20 ta' Ottubru 2005, Prim'Awla**) fuq l-iskorta tas-sentenzi segwenti:

Fil-kawza **"Bezzina v. Borda",** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc **(per Onor. G. Mifsud Bonnici)** fis-16 ta' Novembru, 1990, intqal li "*f'kaz li jigi allegat li kien hemm difett mohbi f'oggett mixtri, ma tistax issir azzjoni ghad-danni jew biex jisewwa' l-oggetti, u r-rimedji miftuha*

*ghax-xerrej huma biss li jitlob it-thassir tal-bejgh jew tnaqqis fir-riduzzjoni tal-prezz*".

Fil-kawza **Balzan v. Celotti**, deciza mill-Prim'Awla fit-22 ta' Novembru, 1999, intqal li "*xerrej, f'kaz ta' difetti latenti, ghandu biss l-azzjonijiet li tipprovdi l-ligi, dik redibitoria u dik aestinatoria, u mhux ukoll ghad-danni*".

Fil-kawza **Buffa v. Roger Satariano and Sons Ltd**, deciza mill-Prim'Awla fil-11 ta' Gunju, 1997, intqal: "*F'kaz ta' difett f'oggett mibjugh, ix-xerrej ma jistax kapriccosament jew minhabba xi nuqqas da parti tieghu, iwarrab id-drittijiet specifikatament moghtija lilu bil-ligi, u minghajr ma juza r-rimedji preskritti, jaghzel li jzomm il-merkanzija, ghalkemm din tkun difettuza, u wara jirreklama d-danni. Hu jista' jirrifjuta dik il-merkanzija jew sahansitra jzommha bi prezz aktar baxx u f'kaz li n-nuqqas tal-bejjiegh jkun jirekalu danni, jitlob li jigi risarcit".*

Fil-kawza **Borg v. Pace**, deciza mill-Prim'Awla fit-22 ta' Gunju, 2001, intqal: "*Illi anke fl-aspett tal-vizzju redibitorju l-kawza odjerna ma tistax tirnexxi peress li t-talba ghad-danni tista' ssir biss bhala konsegwenza ta' l-azzjoni redibitorja jew estimatorja in forza ta' l-Artikolu 1429 tal-Kodici Civili, mentri l-attur minghajr ma ezercita wahda minn dawn l-azzjonijiet, talab sempliciment id-danni kontra l-konvenut (ara f'dan is-*

*sens is-sentenza fl-ismijiet* ***Anthony McKay v. Alfred Cassar et*** *deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-10 ta' Dicembru, 1992 fejn ukoll l-attur talab biss il-likwidazzjoni u hlas ta' danni*)".

Fil-kawza **Briffa v. Mallia**, deciza mill-Prim'Awla fit-28 ta' Frar, 2002, intqal: "*Illi ghalhekk jirrizulta li l-azzjoni attrici kif inhi imposta bhala azzjoni merament ta' danni ma ghandha ebda bazi guridika u t-talbiet hemm kontenuti ma jistghux jintlaqghu peress illi tali azzjoni hi improponibbli, u dan dejjem fl-ambitu ta' azzjoni naxxenti minn bejgh, fejn l-unici azzjonijiet li huma disponibbli ghall-kompratur huma l-azzjoni dwar il-pacifiku pussess u difett latenti skont l-Artikolu 1427 u l-azzjoni fuq indikata li l-oggett mhux tal-kwalita` pattwita abbazi tal-Artikolu 1390 tal-Kap. 16"*.

Illi dan gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Nadia Cassar et v. Charles Pace noe** Qorti tal-Kummerc, 13 ta' Marzu, 1995, "*fejn inghad illi l-azzjoni ta' danni proposta mill-kompratur huma biss dawk elenkati fl-istess Kodici Civili taht it-Taqsima 2, Titolu 6, Sub-titolu 4 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan abbazi tal-insenjament maghmul fis-sentenza* ***Scicluna v. Scerri (Kummerc 16 ta' Jannar, 1958 – XLII.ii.855****), fejn inghad illi: "l-opinjoni preponderanti hija li si tratta ta' regoli specjali li ghandhom ghalhekk jipprevalu ghad-dispozizzjonijiet generali li jirregolaw il-kuntratti; u li la darba l-ligi stess iddeterminat l-effetti tal-*

*vizzji, m'ghandhomx jigu moghtija lix-xerrej, drittijiet, u lil venditur imposti oneri, akbar minn dawk indikati bil-ligi".* Illi tal-istess portata hija s-sentenza fl-ismijiet **Anthony McKay v. Alfred Cassar** (Kummerc 10 ta' Dicembru, 1992), fejn gie kkonfermat li l-azzjoni ta' danni ma tistax tirnexxi minflok l-*actio aestimatoria* u/jew *redibitori*a jew l-azzjoni skont l-Artikolu 1390, u dan gie kkonfermat fis-sentenza **JC Hydraulics Ltd v. Waste Control Services Limited** Prim'Awla, 28 ta' Gunju, 2001.

> "Fil-kawza **Pace Axiaq v. Camilleri**, deciza minn dik l-istess Qorti intqal: *"Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f'kaz ta' vendita` huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikolu 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz ta' l-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja ta' l-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara r-ricezzjoni ta' l-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja; huma dawn ir-rimedji li l-ligi tipprovdi lix-xerrej u allura l-kwestjoni jekk ix-xoghlijiet sarux sew u skont l-arti u s-sengha strettament ma ticcentra xejn f'negozju guridiku bhal dan ta' komprovendita`".*
>
> *"Illi fil-fatt fl-istess sentenza gew affermati s-segwenti principji u cioe` li minn dak fuq premess jirrizulta li per analogia u applikati l-principji fuq esposti jirrizulta li:*
>
> *"(a) tali azzjonijiet fuq deskritti huma l-unici permessibbli lix-xerrej,*
>
> *"(b) t-talbiet tax-xerrej huma limitati ghal dak li jiprovdu d-disposizzjoni tal-istess artikoli, b'dan ghalhekk li f'kawza tan-natura ta' dik kontenuta fil-kontro-talba (f'dan il-kaz citazzjoni) odjerna u abbazi tal-artikolu 1390 u/jew lartikolu 1427 tal-Kap. 16 kellha tintalab 'sine qua' non li: (i) l-oggett mhux tal-kwalita' pattwita jew dikjarazzjoni ta' difett latenti; (ii) talba ghall-iffissar tal-prezz inqas u konsegwenti rifuzjoni ta' parti tal-prezz li tirrizulta li hija in eccess ta' dak stabbilit mill-Qorti jew li tinghata il-haga lura u jintradd il-prezz, jew abbazi tal-artikolu 1390 jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni jew jircievi l-haga bi prezz inqas fuq stima ta' periti".* **Mangion v. Pulis, supra**.

Fil-kawza **Scifo Diamantino v. Meridian Enterprises Co. Ltd**, deciza mill-Prim'Awla fit-13 ta' Frar, 2003, intqal: "*Illi fid-dawl ta' dawn il-kostatazzjonijiet, il-Qorti ssib li l-attur ressaq azzjoni li ma taqbilx ma' rimedju mhares mil-ligi. La darba huwa ghazel li jsejjes l-azzjoni tieghu fuq id-difett mistur, ried jitlob ir-rimedji li l-ligi taghti lix-xerrej fl-artikolu 1427 tal-Kap. 16. Dan ir-rimedju ma talbu mkien: lanqas jista' jinghad li talbu fl-ewwel talba, ghaliex is-semplici dikjarazzjoni li l-karozza kienet milquta minn difett mistur ma twassal imkien hlief ghal semplici dikjarazzjoni li ma hix segwita b'talba minn dawk mahsuba specifikatament mil-ligi. L-artikolu 1427 jaghti l-ghazla lill-attur, mhux lill-Qorti*".

F'kull kaz, ezami tal-istess kontro talba, jindika li – konvenuti essenzjalment mhux qed jilmentaw minn hsarat fl-*extras* izda fid-dghajsa stess – li huma ma xtrawx minghand l-atturi. Dan ghalkemm imbaghad fil-kors tal-kawza, ressqu diversi ilmenti anke fir-rigward ta' dawn l-*extras*. Kif pero` jidher mill-gurisprudenza wiesa elenkata, l-azzjoni proposta minnhom fil-kontro talba, mhix proponibbli.

L-appell ghalhekk se jintlaqa anke f'dan ir-rigward. Stabbilit dan allura mhux il-kaz li jigi ezaminat l-appell incidentali in kwantu a bazi ta' dak li intqal, il-kontro talba intiera se tkun michuda.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' l-appell u tirrevoka u thassar is-sentenza appellata – hlief il-parti li illiberat lill-konvenuti personalment mill-osservanza tal-gudizzju li qed tigi ikkonfermata – tilqa' ghalhekk it-tieni u tielet talba attrici fil-konfront tas-socjeta` konvenuta (tastjeni milli iehu konjizzjoni tal-ewwel talba in kwantu l-kawza instemghet regolarment u mhux a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kap. 12) u tichad il-kontro talba tal-konvenuti; l-ispejjez kollha tal-Ewwel Istanza u tal-appelli (hlief tal-konvenuti personalment li huma a kariku tas-socjeta` attrici appellanti) huma a kariku tas-socjeta` konvenuta appellata u appellanti incidentali.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df